

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: H. Marcos Fraile u A. Westerhof Löfflerová, aġenti, assistiti minn N. Tuominen, avukat)

Intervenjent insostenn tal-konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: T. Maxian Rusche u P. Němečková, aġenti)

Suġġett

Talba intiża għar-rimbors tad-dazji antidumping u tal-interessi li r-rikorrenti ħallset lill-awtoritajiet doganali Ċeki b'mod allegatament indebitu wara l-adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 91/2009 tas-26 ta' Jannar 2009 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq ċerti qfeli tal-ħadid jew tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU 2009, L 29, p. 1), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 723/2011 tat-18 ta' Lulju 2011 li jestendi d-dazju anti-dumping definittiv impost mir-Regolament (KE) Nru 91/2009 għall-importazzjonijiet ta' ċerti qfeli tal-ħadid u tal-azzar ikkunsinjati mill-Malasja, kemm kemm iddikjarati li joriġinaw mill-Malasja kif ukoll jekk le (ĠU 2011, L 194, p. 6), u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 924/2012 tal-4 ta' Ottubru 2012 li jemenda r-Regolament Nru 91/2009 (ĠU 2012, L 275, p. 1).

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud minħabba n-nuqqas ta' gurisidizzjoni tal-Qorti Ġenerali sabiex tieħu konjizzjoni tiegħu..
- 2) Šroubárna Žďánice a.s. għandha tbat i-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- 3) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbat i-ispejjeż tagħha stess.

⁽¹⁾ ĠU C 392, 24.10.2016.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Marzu 2018 – HJ vs EMA

(Kawża T-579/16) ⁽¹⁾

(“Servizz pubbliku — Membri tal-persunal temporanju — Nuqqas ta' tiġdid ta' kuntratt għal żmien determinat — L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 8 tal-Kondizzjonijiet tal-Impjeg — Klassifikazzjoni mill-ġdid ta' kuntratt għal żmien determinat għal kuntratt għal żmien indeterminat — Żball manifest ta' evalwazzjoni — Dmir ta' premura — Obbligu ta' motivazzjoni — Dritt għal smiġħ — Rapport ta' evalwazzjoni — Obbligu ta' motivazzjoni — Żball manifest ta' evalwazzjoni”)

(2018/C 161/53)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: HJ (rappreżentanti: L. Levi u A. Blot, avukati)

Konvenuta: L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) (rappreżentanti: F. Cooney u N. Rampal Olmedo, aġenti, assistiti minn A. Duron u D. Waelbroeck, avukati)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża, minn naħa, għall-annullament tar-rapport ta' evalwazzjoni tar-rikorrenti għall-perijodu kompriż bejn is-16 ta' Frar u l-31 ta' Diċembru 2014, tad-deċiżjoni tal-EMA tal-1 ta' April 2015 li ma ġġeddidx il-kuntratt ta' membru tal-persunal temporanju tar-rikorrenti u taż-żewġ deċiżjonijiet tas-26 ta' Ottubru 2015 li jiċħdu l-ilmenti ta' din tal-aħħar kontra dawn l-atti kif ukoll, min-naħa l-oħra, sabiex jinkiseb kumpens għad-dannu li r-rikorrenti allegatament sostniet.

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *Hj hija kkundannata għall-ispejjeż.*

⁽¹⁾ ĠU C 145 tal-25.4.2016 (kawża inizjalment irreġistrat quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea bin-Numru F-8/16 u ttrasferita lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fl-1.9.2016).

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Marzu 2018 – Argyraki vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-734/16) ⁽¹⁾****(“Servizz pubbliku — Uffiċjali — Pensjonijiet — Kalkolu tas-snin ta’ servizz — Teħid inkunsiderazzjoni tal-perijodi ta’ servizz imwettqa bħala membru tal-persunal awżiljarju — Kundizzjonijiet — Bażi legali”)**

(2018/C 161/54)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Vassilia Argyraki (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: S. Pappas, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment G. Berscheid, G. Gattinara u A.-C. Simon, sussegwentement G. Berscheid, G. Gattinara u L. Radu Bouyon, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tad-29 ta' Jannar 2016 tal-Uffiċċju “Amministrazzjoni u Ħlas tal-Intitolamenti Individwali” (PMO) tal-Kummissjoni, li permezz tagħha dan tal-aħħar ċaħad it-talba tar-rikorrenti għall-validazzjoni tal-perijodi ta' servizz imwettqa bħala membru tal-persunal awżiljarju bħala perijodi mwettqa bħala membru tal-persunal temporanju fil-kuntest tal-kalkolu tad-drittijiet pensjonabbli tiegħu.

Dispożittiv

- 1) *Id-deċiżjoni tad-29 ta' Jannar 2016 tal-Uffiċċju “Amministrazzjoni u Ħlas tal-Intitolamenti Individwali” (PMO) tal-Kummissjoni Ewropea, li permezz tagħha dan tal-aħħar ċaħad it-talba ta' Vassilia Argyraki għall-validazzjoni tal-perijodi ta' servizz imwettqa bħala membru tal-persunal awżiljarju bħala perijodi mwettqa bħala membru tal-persuna temporanju fil-kuntest tal-kalkolu tad-drittijiet pensjonabbli tagħha, hija annullata.*
- 2) *Il-Kummissjoni hija kkundannata għall-ispejjeż.*

⁽¹⁾ ĠU C 462, 12.12.2016.